TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Richard Schembri

vs

International Sales Direct

CCT 86/21/MS

13 ta' Lulju 2022

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fl-4 ta' Gunju 2021 fejn talab ir-rifuzjoni ta' tlett elef hames mitt Euro u dan wara li huwa xtara sistema ta' pannelli mill-azienda intimata, liema pannelli ma kienux tajbin ghall-uzu li ghalihom kienu intenzjonati, b'konsegwenza illi l-pannelli ma kienux qed jiggeneraw il-provvista mistenni u b'hekk ir-rikorrent kien qed jitlef il-flus kull sena.

Ra r-risposta tal-azienda intimata fejn qalet illi s-sistema li giet accettata mir-rikorrent kienet qed tahdem tajjeb u qieghda tiggenera dak li gie imwieghed fuq l-applikazzjoni; qalet ukoll illi kienet offret lir-rikorrent panella ohra a spejjes taghha sabiex jilhqu kompromess, pero' l-klijent irrifjuta l-offerta.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

---

Illi rrizulta mill-provi illi fil-25 ta' Settembru 2019, ir-rikorrent ghamel ordni ghal tnax - il panella minghand l-azjenda intimata. Fil-kuntratt originali gie imwieghed li s-sistema ha tiggenera bejn wiehed u iehor 22 units fil-gurnata (system generation approx daily 22 units). Ir-rikorrent ighid li s-sistema tal-pannelli giet installata fi Frar/ Marzu tas-sena 2020 u f'Mejju is-sistema kienet taghtih bejn 18 u 20 units kuljum. Ir-rikorrent ghalhekk ilmenta peress illi skond hu, f'dan iz-zmien tas-sajf kellu jiehu iktar mill-media u mhux inqas. L-azjenda intimata baghtet technician li qallu li kollox kien qed jahdem tajjeb. Ir-rikorrent ikkalkula li qed jitlef mat-tlett mitt Euro fis-sena ghaliex minflok 22 units kien qed jiehu 16 units kuljum, u allura wara ghoxrin sena, ikkalkula li ha jkun tilef iktar minn sitt elef Euro. Talab ghalhekk talab li rifuz nofs dan l-ammont u cjoe' tlett elef hames mitt Euro.

Illi min-naha l-ohra, Sasha Sant rapprezentant tas-socjeta' intimata ighid li ghalkemm l-ordni originali kien ta' tnax - il panella (Zinko Halfcell 335W, Omniksol Inverter), dan l-ordni gie

sostitwit ma' ordni iehor, li gie accettat mill-klijent. Fil-fatt, fl-14 ta' Frar 2020, ir-rikorrent iffirma Invoice ghal tlettax - il panella JA Solar 315W. Wara li dawn gew installati, sar l-applikazzjoni kemm tal-ARMS kif ukoll tal-REWS, fejn gie indikat kemm kienu ser jiggeneraw il-pannelli - u cjoe' 6432KW fis-sena. Fil-fatt is-sistema qed tiggenera 17 units kuljum, li jaqbel perfettament ma' dak li gie imwieghed skond l-applikazzjoni.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din it-talba, ir-rikorrent qed jitlob rizarciment fl-ammont ta' tlett elef u hames mitt Euro, u dan ghaliex skond hu, is-sistema mhijiex qed tiggenera dak li gie imwieghed skond il-kuntratt - output ta' elettriku ta' madwar tnejn u ghoxrin unit fil-gurnata, u ghalhekk qed jitlef madwar tlett mitt Euro kull sena, u li fuq perjodu ta' ghoxrin sena dan ser jitla' ghall-iktar minn sitt telef Euro.

Illi il-mertu tal-kawza odjerna jikkoncerna essenzjalment jekk il-pannelli akkwistati mir-rikorrent humiex tal-kwalita` pattwita minnu mal-azjenda intimata, referibilment ghall-output ta' elettriku li tali pannelli jiggeneraw.

Mill-provi prodotti jidher Illi ghalkemm il-quote/ ordni originali igarantixxa output ta' madwar 22 units kuljum, dan gie sostitwit ma' kuntratt iehor, li ghalih iffirma r-rikorrent. Dan gie accettat mir-rikorrent, u kien abbazi ta' dan it-tieni Invoice li saret l-applikazzjoni ma' REWS fis-16 ta' Marzu 2020. Fil-fatt, skond l-istess applikazzjoni esebit, il-peak capacity kellu jkun ta' 4.095 KWp, li kapaci jiggenera madwar 6150 to 6350 KWh (ara r-rapport tal-Ing. Cutajar)- li jikkorispondi ghal 16.8 units kuljum. Dan jaqbel perfettament mal-applikazzjoni tal-ARMS fejn jidher li s-stima ta' elettriku ggenerat fis-sena huwa ta' 6432 Kwh - u cjoe' 17.6 units kuljum.

Kwindi huwa car li, bl- ebda mod ma jista' jinghad li l-pannelli kkonsenjati m'humiex tal-kwalita` pattwita. It-tieni quote datat 14 ta' Frar 2020 gie accettat mir-rikorrent u l-output jidher illi huwa fil-parametri ta' dak imwieghed.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi, illi jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru